

## Domandi preliminari

L-ex Artikolu 21(3) tas-Sitt Direttiva (77/388/KEE) (¹), li issa sar l-Artikolu 205 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE (²), tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, flimkien mal-Artikoli 202 u 157(1)(b) tal-istess direttiva, jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu li l-amministratur ta' maħżen li ma huwiex maħżen tad-dwana huwa inkondizzjonalment responsabbi *in solidum* għall-ħlas tat-taxxa dovuta wara kunsinna bi ħlas mill-proprietarju tal-merkanzija suġġetta għat-taxxa, anki jekk l-amministratur tal-maħżen huwa *in bona fide* jew jekk ma jistgħu jiġi imputati lilu ebda tort jew negliġenza [Artikolu 15a(3) tal-Weboek van de belasting over toegevoegde waarde (Kodiċi tal-VAT)]

(¹) Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Specjalib il-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23)

(²) ĠU L 347, p. 1

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hożejteret (id-Danmarka) fil-21 ta' Ottubru 2010 — Sea Fighter vs Skatteministeriet

(Kawża C-505/10)

(2011/C 13/35)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

### Qorti tar-rinvju

Hożejteret.

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Partrederiet Sea Fighter.

Konvenut: Skatteministeriet

### Domanda preliminari

L-Artikolu 8(1)(c) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/81/KEE, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tad-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali (¹), għandu jiġi interpretat fis-sens li ż-żjut minerali fornuti sabiex jintużaw f'gaffa li hija installata b'mod permanenti fuq vapur, iż-żda li — peress illi mgħammra b'mutur u tank indipendenti tal-karburant — taħdem indipendentement mill-magna ta' propulsjoni tal-vapur, huma, fċirkus-tanzi bħal dawk fil-każżi, eżenti?

(¹) ĠU L 316, p. 12.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Firenze (Italja) fil- 25 ta' Ottubru 2010 — Denise Bernardi, irrappreżentata legalment minn Katia Mecacci vs Fabio Bernardi

(Kawża C-507/10)

(2011/C 13/36)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Qorti tar-rinvju

Tribunale di Firenze

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Denise Bernardi, irrappreżentata legalment minn Katia Mecacci

Konvenut: Fabio Bernardi

### Domanda preliminari

L-Artikoli 2, 3 u 8 tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas], tal-15 ta' Marzu 2001, 2001/220/JHA, dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri kriminali (¹), għandhom jiġi interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 392(1a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali Taljan, sa fejn ma jipponix obbligu fuq il-Prosekat Pubbliku li jitlob is-smiġ u l-eżami tal-vittma minuri permezz tal-forom proċedurali antiċipati ta' ġbir tal-provi, qabel il-proċeduri prinċipali, kif ukoll bħall-Artikolu 394 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali li ma jipprovdix għall-possibbiltà għall-vittma minuri stess li tappella quddiem qorti mid-deċiżjoni negattiva tal-Prosekat Pubbliku fir-rigward tat-talba tagħha li tinstema' skont il-forom proċedurali adegwati ta' ġbir tal-provi?

(¹) ĠU Edizzjoni Specjalib il-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 72.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvyšší soud České republiky (ir-Repubblika Ċeka) fit-2 ta' Novembru 2010 — Wolf Naturprodukte GmbH vs SEWAR spol. s.r.o.

(Kawża C-514/10)

(2011/C 13/37)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

### Qorti tar-rinvju

Nejvyšší soud České republiky

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Wolf Naturprodukte GmbH

Konvenuta: SEWAR spol. s.r.o.

### Domanda preliminari

L-Artikolu 66(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 (¹), tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi fmaterji cивili u kummerċjali (iktar 'il quddiem, ir-Regolament Brussell I) għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex ir-Regolament ikun applikabbli, huwa neċċessarju li, fil-mument li nghatnat id-deċiżjoni, dan ir-regolament kien fis-seħħ kemm fl-Istat li fih il-qorti tat-id-deċiżjoni kif ukoll fl-Istat li fih parti titlob ir-rikonoxxiement u l-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni?

(¹) ĠU Edizzjoni Specjalib il-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42.